**MALTA**

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-8 ta' Frar, 2017

Rikors Maħluf numru: 398/15 LM

**Anton Debono (K.I. Numru 147679M)**

**vs.**

**Valletta Gateway Terminals Limited (C-38888)**
**u b'digriet tas-17 ta' Ġunju, 2015 ġew imsejħin fil-kawża l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u s-soċjetà J.P. Baldacchino and Co. Limited (C-2832)**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **Anton Debono** (minn issa 'l quddiem "l-attur") ippreżentat fit-28 ta' April, 2015, fejn l-istess attur ikkonferma bil-ġurament u għar-raġunijiet imfissra talab li din il-Qorti:

*Illi l-attur huwa registered port worker bin-numru tal-liċenzja 944;*

*Illi fit-3 ta' Marzu, 2014 waqt li l-attur kien qed jaħdem b'inkarigu tas-soċjetà konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited abbord il-bastiment MV Asvira, liema bastiment kien irmiġġat fil-Menqa, seħħ inċident li fih huwa safa korrut serjament;*

*Illi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur ġarrab damnum emergens fl-ammont ta' tnejn u ħamsin elf, erba' mija, sitta u sebgħin euro (€52,476) rappreżentanti kemm telf ta' xogħol (Dok. AD1) kif ukoll spejjeż ta' tobba hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*Illi inoltre, bħala konsegwenza tal-fuq imsemmi inċident, l-attur ġarrab ukoll lucrum cessans kaġun tal-fatt li bħala effett dirett tal-inċident, huwa sofra debilità permanenti riskontrata u aċċertata mill-konsulent ortopediku Mr Raymond Gatt (Dok. AD2) hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*Illi għal dan l-inċident u konsegwenzjali danni kienet taħti unikament is-soċjetà konvenuta minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti a tenur tal-artikolu 1031 u tal-artikolu 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi inoltre, is-soċjetà konvenuta naqset milli tipprovdi a safe working environment kif ukoll ma osservatx l-obbligi skont il-liġi (partikolarment il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta) bħala entità li tħaddem. Għalhekk, l-imsemmija soċjetà konvenuta naqset milli tiżgura s-saħħa u sigurtà tal-attur waqt il-qadi ta' dmirijietu;*

*Illi minkejja li s-soċjetà konvenuta kienet interpellata diversi drabi fosthom permezz ta' ittra interpellatorja tal-4 ta' Awwissu, 2014 kif ukoll permezz ta' ittra uffiċjali tas-27 ta' Frar, 2015 sabiex tagħmel tajjeb għad-danni subiti mill-attur b'konsegwenza ta' dan l-inċident, hija ċaħdet kull responsabbiltà għall-akkadut.*

*Għalhekk kellha issir din il-kawża fejn l-attur qed jitlob li, in vista tal-premess, din l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta unikament responsabbli għall-inċident illi seħħ fit-3 ta' Marzu, 2014 fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrab l-attur;*

*2. Tillikwida d-damnum emergens tal-attur fl-ammont komplessiv ta' tnejn u ħamsin elf, erba' mija, sitta u sebgħin euro (€52,476);*

*3. Tillikwida d-danni l-oħra tal-attur konsistenti f'lucrum cessans naxxenti mid-diżabilità permanenti minnu subita, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

*4. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lill-attur dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut lilu in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' Awwissu, 2014, kif ukoll dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Frar, 2015, u bl-imgħax legali fuq id-damnum emergens subiti mill-attur hawn fuq indikat b'effett mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors maħluf sad-data tal-effettiv pagament, u bl-imgħax legali fuq il-bqija tad-danni attriċi skont il-liġi kontra s-soċjetà konvenuta li hija inġunta għas-subizzjoni.*

Rat l-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Valletta Gateway Terminals Limited (C-38888)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjeta konvenuta") ippreżentata fis-26 ta' Mejju, 2015, li tgħid:

*"Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-kawża odjerna hija fuori termine skont l-artikolu 29 tal-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti (Kapitolu 352 tal-Liġijiet ta' Malta), liema perjodu huwa wieħed ta' dekadenza."*

Rat ir-rikors tas-soċjetà konvenuta ppreżentat ukoll fis-26 ta' Mejju, 2015, fejn talbet is-sejħa fil-kawża (1) tas-soċjetà **J.P. Baldacchino & Co. Limited**, bħala importaturi tal-istess merkanzija u dan minħabba li l-importaturi kienu responsabbli sabiex assiguraw mal-esportaturi illi l-merkanzija tiġi stivata tajjeb u fil-fatt l-inċident seħħ meta l-attur kien fl-istiva tal-bastiment M.V. Asvira jħott merkanzija li allegatament ma ġietx stivata u marbuta tajjeb u għalhekk għandha interess fil-kontroversja, u saħansitra li f'każ ma tiġix ikkundannata, tkun tista' tiżviluppa r-raġunijiet tagħha favur jew kontra t-talbiet attriċi jew l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u (2) tal-**Awtorità għat-Trasport f'Malta** stante li ai termini tal-liġi għandha interess fil-kontroversja u f'każ ma tiġix ikkundannata, tkun tista' tiżviluppa r-raġunijiet tagħha favur jew kontra t-talbiet attriċi jew l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat ir-risposta tal-attur għall-imsemmi rikors tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fis-17 ta' Ġunju, 2015, fejn waqt li ssenjala ċerti fatti, irrimetta ruħu għat-talba tas-soċjetà konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2015, fejn ġie ttrattat l-imsemmi rikors tas-soċjetà konvenuta u fejn wara li rat l-Artikolu 961

tal-Kap. 12, il-Qorti ordnat li jiġu msejħin fil-kawża s-soċjetà J. P. Baldacchino & Co. Limited u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà msejħa fil-kawża **J. P. Baldacchino & Co. Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà msejħa fil-kawża") ippreżentata fl-10 ta' Lulju, 2015.

Rat it-tielet eċċezzjoni fir-Risposta Maħlufa tal-Awtorità msejħa fil-kawża, **l-Awtorità għat-Trasport f'Malta** (minn issa 'l quddiem "l-Awtorità imsejħa fil-kawża") fejn ġie eċċepit is-segwenti:

> *"Illi preliminarjament ukoll, dejjem jekk jitqies li l-Awtorità eċċipjenti hija leġittimu kontradittur, it-talbiet tal-attur fil-konfront tagħha huma milquta mill-perijodu ta' dekadenza jew "limitazzjoni t'azzjoni" stabbilit fl-artikolu 29 tal-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti (Kap. 352 tal-Liġijiet ta' Malta)."*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Ottubru, 2015 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet qablu li qabel kull ħaġa oħra għandhom jitressqu l-provi u li għandha ssir it-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità msejħa fil-kawża u għalhekk il-Qorti ordnat l-inverżjoni tal-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-kontendenti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u tal-Awtorità msejħa fil-kawża

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Novembru, 2016, fejn il-partijiet ittrattaw l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari u fejn il-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità msejħa fil-kawża u n-nota responsiva tal-attur.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet limitatament għar-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità msejħa fil-kawża, jirriżulta li l-attur **Anton Debono**, li huwa ħaddiem tax-xatt liċenzjat mill-Awtorità msejħa fil-kawża, kien involut f’inċident fit-3 ta’ Marzu, 2014 meta kien qed jagħmel xogħol fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konventa hija t-*terminal operator* awtorizzata mill-Awtorità msejħa fil-kawża biex tipprovdi b’mod esklussiv servizzi ta’ *cargo handling* fil-Port il-Kbir. Meta tiġi merkanzija minn barra l-pajjiż, is-soċjetà konvenuta tieħu ħsieb li din tinħatt. Meta l-merkanzija tkun għall-esportazzjoni,

is-soċjetà konvenuta tieħu ħsieb li din titgħabba fuq il-vapuri biex tmur barra.

Illi l-inċident mertu ta' din il-kawża li ġara fit-3 ta' Marzu, 2014, seħħ meta l-attur intlaqat minn ħadida u korra waqt li kien qed iħott xi ħadid minn ġol-istiva tal-bastiment MV Asvira, li kien sorġut ma' Flagstone Wharf fil-Port il-Kbir, moll li għad illi ma jifformax parti mill-*concession area* tas-soċjetà konvenuta, kien qed jiġi operat minnha minflok moll ieħor fejn kienu qegħdin isiru xi xogħlijiet infrastrutturali.

Illi l-punt ta' kontestazzjoni bejn il-kontendenti għar-rigward taż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari fuq imsemmija, huwa jekk għandhiex tiġi applikata għat-talbiet attriċi għal-likwidazzjoni u għall-kundanna għall-ħlas ta' danni, il-preskrizzjoni ġenerali biennali ta' sentejn ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) kif isostni l-attur, jew inkella għandux jiġi applikat l-artikolu 29 tal-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti (Kapitolu 352 tal-Liġijiet ta' Malta) kif isostnu fl-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari tagħhom is-soċjetà konvenuta u l-Awtorità msejħa fil-kawża.

L-artikolu 2153 tal-Kap. 16 jgħid kif ġej:

> "L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn."

L-artikolu 29 tal-Kap. 352 jistipula dan li ġej:

> "Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur dwar ir-responsabbilitajiet tagħhom taħt dan l-Att, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment kemm-il darba –
>
> (a) talba bil-miktub, li tagħti dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu b'mod xieraq meħtieġa, ma tingħatax lill-Awtorità jew lill-kuntrattur, skont il-każ, mħux iktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur;
>
> (b) l-azzjoni ma tinbedix fi żmien tnax-il xahar mill-imsemmija data:
>
> Iżda l-Awtorità jew il-kuntrattur, skont il-każ, jista' jestendi ż-żmien speċifikat fil-paragrafu (a) b'dak iż-żmien l-ieħor ta' mhux iżjed minn sitt xhur li jidhrilha xieraq jekk tkun sodisfatta li t-talba ma setgħetx issir b'mod xieraq fiż-żmien speċifikat kif intqal qabel:
>
> Iżda wkoll l-Awtorità jew il-kuntrattur, skont il-każ, ma jkunux responsabbli għal aktar mil-limiti jew mill-ammonti stabbiliti b'liġi, jew f'dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jkunu preskritti.

Illi fl-ewwel ipotesi, li kellu jiġi applikat l-artikolu 2153 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni attriċi ma tkunx preskritta peress li l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ fit-3 ta' Marzu, 2014 filwaqt li il-kawża ġiet ppreżentata fid-28 ta' April, 2015, ben entro t-terminu ta' sentejn.

Illi fit-tieni ipotesi, li kellu jiġi applikat l-artikolu 29 tal-Kap. 352, l-azzjoni attriċi taqa' ċjoè ma tkunx tista' tissussisti minħabba li l-azzjoni ma nbdietx fi żmien tnax-il xhar minn meta ssir it-talba bil-miktub

mhux iżjed minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur. Mid-diċitura tal-artikolu 29 hu tassattiv li l-azzjoni trid tinbeda fi żmien tnax-il xahar u hu ċar ukoll li t-terminu mhux wieħed ta' preskrizzjoni iżda ta' dekadenza li ma jagħtix skop għall-interruzzjoni. Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **The Cargo Handling Co. Limited *vs.* Messrs John Abela Limited**[1]:

> "Kif enunċjat fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Giuseppe Sammut *vs.* Notaro Edoardo Pellegrini Petit**, Appell Ċivili, 16 ta' Jannar, 1920 (Vol XXIV pt.I p.276):
>
> > *"quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicche di prescrizione, è termine di decadenza, nel senso che, decorso quel termine, quell'atto non sarebbe più ammissibile. La dottrina pone il criterio distintivo in ciòche, se la disposizione che assegna un termine per l'esperimento d'un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia i caratteri di questa, si tratterà di una decadenza".*
> >
> > It-terminu stabbilit fl-artikolu 65 huwa wieħed intiż biex jeħles lill-Awtorità u lill-kuntrattur tagħha bħas-soċjetà appellanti, minn kull riskju ta' proċeduri taħt l-Att imsemmi, u fiċ-ċirkostanzi hemm prevvisti, jekk l-azzjoni mit-terz ma ssirx fiż-żmien imsemmi ta' tnax -il xahar. Fil-kamp marittimu terminu bħal dan hu wieħed uniformi. Tant li nsibuh fl-Art. 3 (6) tal-Hague Rules jew l-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Ġarr ta' Merkanzija bil-Baħar (Kap. 140) fil-każ ta' azzjoni kontra l-vapur jew it-trasportatur bil-baħar. Huwa wkoll komplimentari għax-xorta ta' azzjonijiet preskritti fl-artikolu 544 tal-Kodiċi tal-Kummerċ."

Illi bl-emendi li seħħew bl-artikolu 52 tal-Att XV tal-2009, fejn anki l-isem tal-Att inbidel mill-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta għall-

---

[1] App. Inf., 07.07.2003.

Att dwar il-Portijiet u Bastimenti, l-artikolu 65 iċċitat fl-imsemmija sentenza u f'sentenzi oħrajn li segwewha, kien sar l-artikolu 29 tal-Kapitolu 352. Għaldaqstant, safejn seta' japplika għal każ odjern dan it-terminu ta' dekadenza taħt l-Artikolu 29 tal-Kap. 352, l-ittra uffiċjali datata 27 ta' Frar, 2015[2] notifikata lis-soċjetà konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited fis-6 ta' Marzu, 2015[3], f'dak ix-xenarju ma kinetx tiswa biex tinterrompi dan it-terminu ta' dekadenza.

Illi li kellu jiġi applikat għall-każ odjern il-perjodu ta' preskrizzjoni biennali taħt l-artikolu 2153 tal-Kap. 16, dan il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn għandu jitqies illi kien miksur bl-imsemmi att ġudizzjarju stante li n-notifika tal-ittra uffiċjali saret fis-6 ta' Marzu, 2015 (jew qabel) u ċjoè qabel ma għalaq xahar li għandu jibda jgħodd mill-aħħar żmien li hemm għall-preskrizzjoni.[4]

Illi l-artikolu 29 tal-Kap. 352 jagħmel riferiment kemm għall-Awtorità, kif ukoll għall-kuntrattur tagħha. M'għandu jkun hemm ebda dubju li s-soċjetà konvenuta għandha titqies bħala kuntrattur tal-Awtorità għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Il-ġurisprudenza kkwotata mis-soċjetà konvenuta lanqas tidher li hi kkontestata mill-attur u hu ċar li kieku japplika l-artikolu 29 għaċ-ċirkostanzi mertu ta' din il-kawża, is-soċjetà konvenuta bħala kuntrattur tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta tista' tipprevalixxi ruħha minn dan il-perjodu ta' dekadenza.

---

[2] *A fol.* 61.
[3] Ara r-riferta esebita a fol. 62.
[4] Ara l-artikolu 2130 tal-Kap. 16.

Illi għalhekk dak li jibqa' x'jiġi stabbilit mill-Qorti f'din il-kawża f'dan l-istadju huwa jekk iċ-ċirkostanzi mertu ta' din il-kawża fir-rigward ta' liema l-attur qiegħed jirreklama d-danni, jaqgħux fl-ambitu tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 352 jew jekk l-azzjoni attriċi għandhiex titqies min-natura tagħha bħala azzjoni għad-danni bbażat fuq kulpa akwiljana taħt il-Kodiċi Ċivili.

Illi s-soċjetà konvenuta tibbaża ħafna d-difiża tagħha fuq deċiżjoni li għadha *sub judice* stante li ġiet appellata, fl-ismijiet **Raymond Saliba *vs.* Valletta Gateway Terminals Limited**[5], li akkoljiet l-istess eċċezzjoni odjerna kontra l-attur impjegat mal-istess soċjetà konvenuta odjerna, li kien weġġa' waqt li kien fuq il-lant tax-xogħol. Bir-rispett kollu dovut, din il-Qorti kif preseduta ma tikkondividix però din il-linja ta' ħsieb.

Illi s-sentenza suriferita fil-fatt tagħmel enfażi fuq deċiżjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri tad-19 ta' Ottubru, 2010, fl-ismijiet **Grech *et. vs.* Ministru Responsabbli mit-Trasport u Komunikazzjoni *et.***:

> Illi kif ukoll ritenut fil-kawża **Grech *et. vs.* Ministru Responsabbli mit-Trasport u Komunikazzjoni *et.,*** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri fid-19 t'Ottubru, 2010, (ara *fol.* 53), l-artikolu 29 in diżamina mhux limitat għall-inċidenti li jseħħu fuq bastiment iżda japplika ukoll għall-azzjonijiet indirizzati fil-konfront tal-

[5] P.A., 02.11.2015, esebita mis-soċjeta konvenuta a fol. 40 sa 46 tal-proċess.

kuntrattur – f'dan il-każ, is-soċjetà intimata – għal telf jew ħsara li ssir lil xi persuna;

Illi l-istess artikolu 29 in diżamina jippermetti li għandu japplika "minkejja id-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra";

Illi f'dan ir-rigward ghandu jkun paċifiku li *"lex specialis derogat generalis"*, u konsegwentement, in vista tal-istess il-preskrizzjonijiet partikolari kif indirizzati mir-rikorrenti ma japplikawx għall-każ odjern.

Illi din is-sentenza però ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2014 proprju fuq l-interpretazzjoni tal-artikolu 29:

"L-awtorità konvenuta wieġbet illi l-art. 65 (illum 29) tal-Kap. 352 huwa wiesa' biżżejjed biex jolqot ukoll id-danni li jgħidu li ġarrbu l-atturi. Jolqot "telf jew ħsara" b'konsegwenza tat-twettiq mill-awtorità jew minn kuntrattur tagħha tar-"responsabilitajiet tagħhom taħt ... l-Att".

Din il-qorti ma tarax li tista' taqbel mal-interpretazjoni tal-art. 29 li qiegħda tagħti l-awtorità konvenuta, u lanqas mal-applikazzjoni ta' dak l-artikolu li għamlet l-ewwel qorti.

Qabel xejn għandu jingħad illi din il-kawża saret għad-danni wara li xogħlijiet li saru mill-Awtorità Marittima, predeċessur tal-awtorità konvenuta, għall-bini ta' *terminal* ġdid fl-Imġarr fejn jorbtu l-bastimenti ta' Għawdex, ħolqu inkonvenjent kbir għall-atturi fin-negozju tagħhom li wassal għal telf ta' qligħ.

Issa huwa minnu illi l-bini tat-*terminal* ġdid u x-xogħlijiet relativi kienu parti mir-responsabilitajiet tal-awtorità taħt l-Att, u l-art. 29 jolqot kull azzjoni tal-utenti tat-*terminal* kontra l-awtorità msejsa fuq dawk ix-xogħlijiet. L-art. 29 iżda ma jistax jolqot ir-relazzjoni tal-awtorità ma' terzi li, bħall-atturi, ma humiex utenti tas-servizzi tal-awtorità jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħha. Ir-relazzjoni bejn l-atturi u l-awtorità ma hijiex konsegwenza tar-responsabilitajiet tal-awtorità taħt l-Att.

Il-kliem stess tal-artikolu 29 juri illi ma huwiex maħsub illi japplika f'ċirkostanzi bħal dawk tal-każ tal-lum. Il-parti konvenjentement maqbuża mill-awtorità meta iċċitat l-artikolu tgħid illi ma tistax tittieħed azzjoni kontra l-awtorità jekk:

> "talba bil-miktub, li tagħti dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu b'mod xieraq meħtieġa, ma tingħatax lill-Awtorità jew lill-kuntrattur, skont il-każ, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur."

> Dan il-kliem – partikolarment dwar li l-oġġetti li ġarrbu ħsara jridu jkunu ġew "aċċettati mill-awtorità" – juri illi biex japplika dan l-artikolu jrid ikun hemm relazzjoni, derivanti mill-funzjonijiet, mir-responsabilitajiet jew mis-setgħat tal-awtorità, bejn l-istess awtorità u l-persuna li ġġarrab il-ħsara. Fil-każ tal-lum ma kienx hemm dik ir-relazzjoni bejn il-partijiet u ebda oġġetti li l-awtorità kellha, minħabba dik ir-relazzjoni, "taċċetta" mingħand l-atturi.

> Huwa ovvju għalhekk, fil-fehma ta' din il-qorti, illi l-art. 29 ma huwiex applikabbli għall-każ tal-lum u l-ewwel aggravju tal-atturi għandu jintlaqa'.

> Għalhekk ma huwiex meħtieġ illi l-qorti tqis l-aggravji l-oħra tal-atturi."

Illi fil-każ in deżamina, l-attur mhuwiex utenti tas-servizzi li toffri l-Awtorità jew kuntrattur tagħha. Huwa veru li l-attur hu soġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Awtorità. Huwa veru li s-sigurtà ta' impjegat jew ta' persuna mqabbda minn kuntrattur jew l-Awtorità, hi responsabbiltà tagħhom, però tali responsabbiltà toħroġ minn liġijiet oħra *ad hoc* dwar is-saħħa fuq il-post tax-xogħol u mhux mill-Kapitolu 352.

Illi l-artikolu 29 tal-Kap. 352 jgħid illi "ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur dwar ir-responsabbilitajiet tagħhom taħt dan l-Att"[6] u mhux taħt xi Att ieħor. Huwa veru wkoll li l-artikolu 29 ikompli billi jgħid "jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment", però kif

---

[6] Sottolinear ta' din il-Qorti.

dil-klawsola tal-liġi ġiet interpretata mill-Qorti tal-Appell (għalkemm f'każ fejn l-attur ma kienx impjegat jew imqabbad mill-kuntrattur), din l-istess interpretazzjoni għandha tapplika wkoll għal persuna mqabbda biex tagħti x-xogħol tagħha lill-kuntrattur. Tali persuna mhijiex utenti tas-servizzi offruti taħt il-Kap. 352, u dan joħroġ ċar mid-diċitura tal-liġi fejn jingħad "li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur". Ir-relazzjoni ġuridika tal-attur mal-kuntrattur jew mal-Awtorità fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol, mhijiex regolata bil-Kapitolu 352 u għalhekk ma jistax jingħad bl-ebda mod illi l-Kap. 352 hija liġi speċjali li tirregola din il-materja u li għandha tipprevali fuq il-liġi ġenerali.

Tqis illi l-iskop dikjarat tal-Kap. 352 huwa "biex jipprovdi għat-twaqqif ta' portijiet f'Malta, għar-reġistrazzjoni u liċenzjar ta' dgħajjes u bastimenti u sabiex jirregola l-użu tagħhom fl-ibħra territorjali ta' Malta u biex jistabbilixxi drittijiet u ħlasijiet u ħwejjeġ oħra anċillari għall-bastimenti."[7] Minn analiżi dettaljata tal-Kap. 352, jirriżulta illi l-obbligu tas-soċjetà konvenuta li tipprovdi *"a safe working environment"* lill-ħaddiema mqabbdin minnha, bl-ebda mod ma jinwadra ruħu fl-ambitu tal-Kap. 352 u għalhekk kwalunkwe ksur ta' dan l-obbligu m'għandux ikun milqut mill-perjodu ta' dekadenza stipulat bl-artikolu 29 tal-Kap. 352.

[7] Il-preambolu għall-Kap. 352.

Tqis fl-aħħar nett illi l-mod kif inhu fformulat l-Artikolu 29 tal-Kap. 352 mhuwiex għalkollox ċar u jista' jagħti lok għall-ambigwità u għal interpretazzjonijiet u deċiżjonijiet konfliġġenti. Illi l-artikolu taħt eżami jimporta l-applikazzjoni ta' żmien limitattiv li fih azzjoni ta' riżarciment tad-danni setgħet tiġi eżerċitata. Tali dispożizzjoni tal-liġi għandha tiġi interpretata, f'każ ta' dubju, favur li tiġi ppreservata l-azzjoni, favur li d-dritt pretiż jiġi ppreservat. Dan għar-raġuni li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni/perjodu ta' dekadenza, għalkemm rikonoxxuta bħala meħtieġa biex tassigura illi l-azzjoni tiġi eżerċitata entro terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-kontenenti jiġu debitament aċċertati, hija minnha nnifisha odjuża u għandha għalhekk tiġi interpretata restrittivament.[8]

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta u t-tielet eċċezzjoni tal-Awtorità msejħa fil-kawża u tordna li din il-kawża titkompla bis-smigħ tal-provi dwar il-mertu.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura qegħdin jitħallew għas-sentenza finali.**

[8] Ara sentenza tal-Q.A., 08.05.2001, **Noel Ellul *nomine* vs. Avukat Dottor Joseph Zammit Mckeon *nomine***.

Moqrija.